# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 303/2022 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2022 in segwitu tal-Ħruġ tal-Kontro-Mandat bin-Numru 351/2022 wara l-Ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 209/2022 fl-ismijiet:**

**IAS Limited**

**vs.**

**Hilary Galea Lauri**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2022**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent s-sekwestrat Hilary Galea Lauri (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fis-7 ta' April 2022 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant, tenut kont tas-suespost, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u*

*opportuna, u filwaqt li tordna l-ħruġ tal-kontromandat opportun kif diġa' mitlub:*

*1. Tiddikjara li bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru fuq talba ta' IAS Limited, l-esponenti sofra danni inklużi spejjeż legali kollha relatati mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u ċioé l-ispejjeż relatati mad-depożitu tal-Bank of Valletta fl-ammont ta' €1,036.72 kif ukoll spejjeż legali ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji inkorsi mill-esponent fl-ammont ta' €800.15;*

*2. Tordna lis-soċjeta' IAS Limited tħallas lill-esponenti s-somom fuq imsemmija ta' €1,036.72 u €800.15 bl-imgħax;*

*3. Tikkundanna lis-soċjeta' IAS Ltd sabiex tħallas lill-esponent penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'somma ffissata minn din l-Onorabbli Qorti".*

Rat id-Digriet tagħha tat-22 ta' April 2022 (*a fol.* 9) fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lis-soċjeta' intimata IAS Limited li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat in-Nota tar-rikorrent Hilary Galea Lauri (*a fol.* 11) ippreżentata fit-2 ta' Mejju 2022 fejn ingħad, fost l-oħrajn, li minħabba li t-talba għal ħruġ ta' Kontro-Mandat opportun ġiet sorvolata b'Digriet tad-29 ta' Marzu 2022, ir-rikorrent Galea Lauri kien qed jinsisti biss fuq t-talbiet rimanenti u hekk kif dedotti fir-Rikors tiegħu tas-7 ta' April 2022 hawn fuq imsemmi.

Rat ir-Risposta *ossia* Nota tas-soċjeta' intimata s-sekwestranta IAS Limited (*a fol.* 14 *et seq.*) ippreżentata fit-23 ta' Mejju 2022 fejn oġġezzjonat għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 209/2022 fl-ismijiet **IAS Limited vs. Hilary Galea Lauri** u kif ukoll l-atti tal-Kontro-Mandat bin-Numru 351/2022 fl-istess ismijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fl-14 ta' Frar 2022 is-soċjeta' intimata IAS Limited talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 209/2022 kontra r-rikorrent Hilary Galea Lauri fl-ammont ta' tmienja u sittin elf Euro (€68,000), liema talba ġiet milqugħa;

- il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju msemmi ma ġiex segwit b'kawża;

- fil-11 ta' Marzu 2022 ir-rikorrent talab (liema talba ġiet milqugħa fid-29 ta' Marzu 2022) Kontro-Mandat bin-Numru 351/2022 fuq il-bażi li s-soċjeta' intimata naqset milli tiftaħ kawża fi żmien għoxrin jum;

- permezz ta' Nota (*a fol.* 11) ippreżentata fit-2 ta' Mejju 2022, ir-rikorrent spjega r-raġuni għala ġie ppreżentat ir-Rikors odjern fis-7 ta' April 2022 u dana minkejja li l-Kontro-Mandat imsemmi fil-paragrafu preċedenti ġie ppreżentat fil-11 ta' Marzu 2022 u ġie akkordat fid-29 ta' Marzu 2022, f'liema Nota jingħad li t-talba għal ħruġ ta' Kontro-Mandat opportun ġiet sorvolata u fejn ir-rikorrent insista fuq t-talbiet l-oħra hekk kif kontenuti fir-Rikors.

Illi permezz tar-Rikors in eżami r-rikorrent jitlob lill-Qorti, li minħabba li s-soċjeta' intimata naqset milli tressaq kawża fiż-żmien stabbilit mill-Artikolu 843(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta,

- tiddikjara li bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju mis-soċjeta' intimata huwa sofra danni (inklużi spejjeż legali

ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji u jsemmi l-ammonti ta' €1,036.72 u €800.15;

- tordna lis-soċjeta' intimata tħallsu s-somom fuq imsemmija ta' €1,036.72 u €800.15 bl-imgħax;

- tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallsu penali *ai termini* ta' Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-Risposta tagħha, is-soċjeta' intimata twieġeb li:

- minkejja li huwa vera li t-terminu previst sabiex tiġi ppreżentata kawża wara l-ksib tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju skada, dan seħħ minħabba li hija kienet fi trattattivi mar-rikorrent sabiex il-pretensjonijiet tagħha jiġu sodisfatti b'mod bonarju;

- hija kienet lesta tintavola Kontro-Mandat sabiex tneħħi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju iżda sabet li r-rikorrent kien diġa' kiseb Kontro-Mandat u rinfaċċjata b'dan hija ppreżentat Nota li ma kinitx qed toġġezzjona għall-iżbank tal-flus hekk depożitati;

- hija pposponiet it-talbiet tagħha bil-għan li jintlaħaq ftehim bonarju u bl-ebda mod ma hija qed tirrinunzja għat-talbiet tagħha.

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa sabiex tistħarreġ it-talbiet tar-rikorrent Hilary Galea Lauri waħda waħħda

**Ikkunsidrat**

**<u>Talba għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat</u>**

Illi permezz tan-Nota hawn fuq imsemmija u li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 11), ir-rikorrent informa lill-Qorti li din it-talba ġiet sorvolata *stante* li fid-29 ta' Marzu 2022, il-Qorti diversament preseduta kienet diġa' ħarġet il-Kontro-Mandat.

Għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**<u>L-Ewwel (1) u t-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Danni, spejjeż u imgħax)</u>:**
Illi filwaqt li fl-ewwel (1) talba r-rikorrent Galea Lauri jitlob li l-Qorti tiddikjara li bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju mis-soċjeta' intimata huwa sofra danni (inklużi spejjeż legali ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji u jsemmi s-somma ta' €1,036.72 u s-somma ta' €800.15), fit-tieni (2) talba jitob li s-soċjeta' intimata tħallsu s-somom fuq imsemmija ta' €1,036.72 u €800.15 bl-imgħax.

Illi Artikolu 843(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li fil-mument li l-parti li kisbet il-mandat tonqos milli tressaq raġuni tajba sabiex tiġġustifika l-fatt li ma ppreżentatx il-kawża fil-ħin hija tkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha.

Illil-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba hekk kif imressqa mir-rikorrent huma irritwali minħabba li talbiet bħal dawn kellhom jiġu ppreżentati permezz ta' Rikors Maħluf u mhux permezz ta' Rikors bħal dak odjern. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fit-12 ta' Jannar 2021 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 306/20 fl-ismijiet Antoine Portelli et vs. Graham Testa** (Numru 677/20) fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Illi dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni, l-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutati f'dan il-każ. Dan

> jgħodd ukoll fejn, bħal fil-każ tal-lum, l-eżekutat ikun ressaq talba taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 843(2) tal-Kodiċi;
>
> Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikoli 836(9) u 843(2) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi;
>
> Illi t-tielet talba tal-eżekutat tirrigwarda t-tnaqqis li l-bank sekwestratarju wettaq biex iddepożita biċ-ċedola l-flus tal-eżekutat li kellu f'idejh. L-eżekutat jikkwalifika dawk l-ispejjeż u d-drittijiet bħala "danni" minnu mġarrba minħabba l-ħruġ tal-mandat sakemm dan tħassar. Ladarba huma danni, dik it-talba tinġabar mat-talba li titressaq taħt l-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 bil-proċedura xierqa kif ingħad aktar qabel. Bla ma l-Qorti tidħol fil-mertu tal-kwestjoni, b'mod partikolari dwar is-sottomissjonijiet magħmula mill-eżekutanti dwar din it-talba, jidhrilha li jkun xieraq li tastjeni milli tqisha ħalli ma tolqotx b'xi mod il-jedd tal-eżekutat meta jew jekk jogħġbu jmexxi bl-azzjoni xierqa."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li qalet il-Qorti diversament preseduta fil-provvediment imsemmi hawn fuq u sabiex ma taffettwax azzjoni eventwali tar-rikorrent, il-Qorti ser tastjeni milli tqis ż-żewġ talbiet tiegħu in eżami.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Ħlas ta' penali)</u>:**
Illi f'din it-talba r-rikorrent Galea Lauri jitlob li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallsu penali *ai termini* ta' Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Iċ-ċirkostanzi msemmija fil-liġi f'dan ir-rigward huma

erbgħa u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi.[1]

Illi Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi; [...]" [emfażi miżjuda

Illi minkejja li l-impożizzjoni ta' penali minn naħa tal-Qorti hija fakoltattiva, f'dan il-każ fattwalment jirriżulta li s-soċjeta' intimata IAS Limited naqset milli tippreżenta l-kawża fit-terminu rikjest. Li trid tara din il-Qorti qabel ma tiddeċiedi jekk timponix penali huwa jekk is-soċjeta' intimata rnexxielhiex tiġġustifika tali nuqqas.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti ma tantx għandha diskrezzjoni wiesgħa sabiex tivverifika għalfejn parti naqset milli tiftaħ il-kawża fi żmien preskritt mil-liġi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal provvediment mogħti fit-30 ta' Diċembru 2011 **Fl-Atti tar-Rikors Maħluf bin-Numru 752/2011JRM u Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1018/2011 ippreżentat nhar is-27 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited et vs. Market Handle Limited et** (Numru 1067/2011) fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Illi b'żieda ma' dan kollu, wieħed itenni wkoll li fil-każijiet maħsuba mil-liġi fl-artikolu 836(1)(a) tal-Kodiċi tal-

[1] Ara provvediment mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**.

> Proċedura Ċivili, il-liġi ma tagħtix diskrezzjoni wisq wiesgħa lill-Qorti biex tistħarreġ x'setgħet kienet ir-raġuni li għaliha l-parti eżekutanti tkun naqset milli tiftaħ il-kawża fiż-żmien wara li tkun kisbet il-ħruġ favuriha ta' Mandat kawtelatorju.[2]"

Illi l-Qorti żżid billi tgħid li fil-provvediment mogħti fit-12 ta' Jannar 2021 hawn fuq imsemmi (Numru 677/20), din il-Qorti diversament preseduta rriteniet is-segwenti:

> "Illi l-Qorti tagħmel tagħha prinċipji f'dan ir-rigward imfissra mill-Qorti tal-Appell dwar it-tifsir u t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura meta jingħad: *"id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili taħt eżami li jirregolaw il-materja ma jidhrux li jagħtu diskrezzjoni wiesgħa lill-Qorti biex tindaga dwar ir-raġuni għaliex ir-rikorrent kreditur ma jkunx għamel il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit mil-liġi. Jidher illi taħt dan ir-rigward il-leġislatur kien riġidu u fis-sub-inċiż 8(a) tal-artikolu 836 rabat l-impożizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra d-debitur fiż-żmien statutorjament prefiss. .. .. Jidher allura li taħt dan is-subinċiż l-unika difiża li setgħet tkun bħala regola ammissibbli da parti tar-rikorrent kreditur kienet jekk jiġi stabbilit illi t-terminu statutorju kien ġie estiż espressament jew almenu taċitament bil-kunsens tad-debitur. .. .. l-ewwel Qorti kienet tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta u kellha biss tagħżel li ma timponix tali penali f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Dan proprju għaliex penali ta' din ix-xorta hi mposta bil-liġi bħala miżura ta' ordni pubbliku biex tassigura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex tassigura wkoll illi l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jiġix abbużat, kif faċilment jista' jiġi, bil-ħsieb li jivvessa lill-allegat debitur."*[3] [emfażi miżjuda]

[2] App. Ċiv. 13.3.2001 fil-kawża fl-ismijiet **Rapa vs. Sammut** (Kollez. Vol. LXXXV.ii.142).
[3] *Ibid.*

Illi dwar in-natura tat-terminu preskritt jidher ċar li dan it-terminu mhux wieħed perentorju għax jista' jiġi mġedded bi qbil bejn il-partijiet permezz ta' Nota ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti. Dan ġie kkonfermat f'numru ta' provvedimenti mogħtija mill-Qrati tagħna u f'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal provvediment mogħti fit-28 ta' Ġunju 2021 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 676/2021 fl-ismijiet Johan Huy vs. Mark Attard** (Numru 529/2021), fejn il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Iż-żmien ta' għoxrin jum imsemmi fl-artikolu 843 mhuwiex wieħed perentorju għaliex skont l-artikolu 844 dan iż-żmien jista' jittawwal bi qbil mal-parti li kontra tagħha jkun ġie esegwit il-mandat. Dan il-qbil però biex ikun jiswa jrid jiġi muri permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru. Fil-każ tagħna, ma ġiet ippreżentata l-ebda nota biex jittawwal iż-żmien ta' għoxrin jum imsemmi fil-liġi".

Illi, fir-rigward tal-każ odjern, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li ġiet ippreżentata xi Nota fir-Reġistru tal-Qorti fejn it-terminu ġie estiż u għalhekk jirriżulta li t-terminu ta' għoxrin (20) jum ma ġiex imġedded. Is-soċjeta' intimata tgħid li ma ressqitx il-kawża fil-ħin minħabba li kienet qed tipprova tasal mar-rikorrent bil-kelma t-tajba u li dan ma seħħx esklussivament tort tar-rikorrent. Il-Qorti, mingħajr eżitazzjoni ta' xejn, ma tikkunsidrax din bħala raġuni valida minħabba li jekk is-soċjeta' intimata kienet qed tipprova tasal bil-kelma t-tajba ma messhiex ippreżentat talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju qabel ma eżawriet it-trattativi jew, tal-inqas, bħal ma jiġri f'dawn il-każijiet kien messha rat li t-terminu jiġi estiż!

Illi s-soċjeta' intimata tgħid li hija kienet ser tippreżenta Kontro-Mandat iżda sabet li r-rikorrent kien diġa' kiseb il-Kontro-Mandat opportun. Dan l-argument mhux ta' fejda għas-soċjeta' intimata minħabba li r-rikorrent kiseb il-Kontro-Mandat fuq il-bażi li s-soċjeta' intimata ma fetħitx il-kawża fil-ħin u għalhekk, anke jekk dak li tgħid is-soċjeta' intimata huwa minnu, xorta hija kienet ser tippreżenta l-Kontro-Mandat tard.

Illi magħdud ma' dan il-Qorti tinnota li s-soċjeta' intimata tgħid ukoll li hija ppreżentat Nota fejn tgħid li ma kellhiex oġġezzjoni li l-flus jiġu żbankati mir-rikorrent. Il-Qorti hija tal-fehma li dan ma jnaqqas xejn minn nuqqas tas-soċjeta' intimata u l-Qorti tgħid hekk minħabba li dan ma jweġibx għan-nuqqas li tinfetaħ il-kawża u minbarra dan lanqas ma ġiet ippreżentata n-Nota in kwistjoni. Għalhekk dan il-punt lanqas ġie ppruvat mis-socjeta' intimata.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tikkundanna lis-soċjeta' intimata IAS Limited tħallas penali lir-rikorrent Galea Laura *ai termini* ta' Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan illi l-Qorti tinnota li ma taqbilx mar-rikorrent li ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jimmeritaw l-impożizzjoni ta' l-ammont massimu ta' penali. Tenut kont tal-fatt li skont Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-penali għandha tinżamm bejn €1,164.69 u €6,988.12, il-Qorti tqis li f'dan il-każ s-soċjeta' intimata IAS Limited ħaqqha teħel penali fl-ammont ta' tlitt elef Euro (€3,000) liema ammont għandu jitqies bħala wieħed xieraq fiċ-ċirkostanzi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat *stante* li dan diġà ġie akkordat minn Qorti diversament preseduta;

- tastjeni milli tqis l-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tar-rikorrent eżekutat hekk kif kontenuti fir-Rikors promotur;

- tilqa' t-tielet (3) talba u b'hekk tikkundanna lis-soċjeta' intimata s-sekwestranta IAS Limited tħallas penali lir-rikorrent s-sekwestrat Hilary Galea Lauri fis-somma ta' tlitt elef Euro (€3,000).

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mis-soċjeta' intimata eżekutanta IAS Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**